MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-26 ta' Dicembru, 2012

Numru 1351/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**
**vs**
**Albert Caruana**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Albert Caruana** ta’ 32 sena, bin Felix u Anna *nee’* Gauci, mwieled Pieta’ nhar l-20 t’Ottubru 1980 u residenti Flt 18, Qasam Hal Dmikki Blokk A, Sezzjoni Nru. 2, Ghaxaq u detentur tal-karta tal-identita’ numru 487380M;

Akkuzat talli fil-25 ta’ Dicembru 2012 bejn it-tlieta u kwart ta’ filghodu u l-erbgha ta’ filghodu (3:15am - 4:00am) f’dawn il-Gzejjer;

1. ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghanel rezistanza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli cioe’ nuccali tal-vista, li ma jaccediex l-elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu ta’ Euro (€1,164.69) pero jeccedi l-mija u sittax-il Euro (€116.49) ghad-dannu ta’ PC 1540 Edmond Fenech;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli cioe’ qmis u ingravata tal-pulizija, liema hsarama skorritx tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29), ghad-dannu tal-Korp tal-Pulizija u/jew l-Gvern ta’ Malta;

5. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

6. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;

7. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrifjuta jaghti, jew ta’ falz lill-ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularitajiet ohra;

8. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghad illi kien xurban qal il-kliem oxxen u indicenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni fil-pubbliku;

9. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra jew ma riedtx johrog minn hanut tax-xxorb;

10. Talli gewwa l-fond Havana li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan ghall-habta tat-tlieta u kwart ta' filghodu (03:15am) pejjipt tabakk (sigarett) meta t-tipjip f'dan l-istabbiliment huwa pprojbit;

Talli rrenda ruhu recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) li issa saret definittiva;

Rat il-kunsens tal-avukat generali sabiex il-kawza kontra l-imputat tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti tal-kawza u stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati;

Ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 95, 96, 325(b) u (d), 338(d), (bb), (dd), (ee) u (ff) tal-Kap 9 u 14 u 18 tal-Kap 315 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat l-fedina penali tal-imputat;

Wara li hadet kont tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, l-fatt li skuza ruhu u li l-prosekuzzjoni ma oggezzjonatx ghas-sottomissjoni tad-difiza li l-piena mghandhiex tkun wahda karcerarja;

Titratt mal-imputat billi tikkundannah ghal-piena ta' mitejn u erbghin Ewro (€240) dwar l-ghaxar akkuza. Dwar l-akkuzi l-ohra tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-artikou 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Inoltre tobbliga lill-imputat ihallas ghall-ispejjez inkorsi minn PC 1540 kif ukoll mill-Gvern ta' Malta fit-thassir tal-proprjeta' taghhom kif spjegat fl-akkuza, u dan fi zmien gimgha (1) mil-lum;

L-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------